



Brussell, 5 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

5257/25

LIMITE

CORLX 39  
CFSP/PESC 60  
CSDP/PSDC 19  
COEST 20  
RELEX 32  
CONUN 8  
EUAM UKRAINE 2  
CSC 24

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/486/PESK<sup>1</sup>, li stabbiliet il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine).
- (2) Fl-24 ta' Frar 2022, il-Federazzjoni Russa nediet gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna, li l-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022.
- (3) Fit-18 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/452<sup>2</sup>, li tat lill-EUAM Ukraine l-kompitu temporanju addizzjonali li tagħti pariri lill-awtoritajiet Ukreni bl-għan li tiffaċilita l-fluss ta' refuġjati mill-Ukrajna lejn il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja u l-fluss ta' għajjnuna umanitarja lejn l-Ukrajna.
- (4) Fit-13 ta' April 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/638<sup>3</sup>, li tat lill-EUAM Ukraine l-kompitu addizzjonali li tagħti appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni biex tiffaċilita l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti internazzjonali.
- (5) Fit-23 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew ta lill-Ukrajna l-istatus ta' pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) ĠU L 217, 23.7.2014, p.42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/486/oj>.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/452 tat-18 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine), (ĠU L 92, 21.3.2022, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/452/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/638 tat-13 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 117, 19.4.2022, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/638/oj>).

- (6) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2023 dwar id-dimensjoni ċivili tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK), il-Kunsill issottolinja l-appoġġ sod u fit-tul tal-Unjoni għall-Ukrajna. Il-Kunsill enfażizza l-importanza li jissaħħa l-appoġġ għad-dimensjoni ċivili tal-PSDK u li jingħata rispons rapidu għall-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-Ukrajna bħala parti mill-isforzi usa' tal-Unjoni għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-Ukrajna. Il-Kunsill faħħar il-ħidma kollha li saret mill-EUAM Ukraine, inkluż l-appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà Ukren, u l-ġestjoni integrata tal-fruntieri, kif ukoll, b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, l-isforzi li saru fil-qasam tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti internazzjonali u fl-istabbiliment mill-ġdid tal-istat tad-dritt fit-territorji liberati u adjaċenti.
- (7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar it-tkabbir, filwaqt li jfakkar l-Aġenda ta' Tessalonika tal-2003 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2022, il-Kunsill ikkonferma l-impenn sħiħ u inekwivoku tiegħu lejn il-prospettivi ta' sħubija mal-Unjoni tal-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia, waqt li tenna li l-futur tagħhom jinsab fl-Unjoni.
- (8) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-Unjoni għadha impenjata li tappoġġa r-reparazzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew laqa' b'sodisfazzjon it-tisħiħ reċenti tal-EUAM Ukraine, li ser jippermetti li jiżdied l-appoġġ għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi Ukreni fit-territorji liberati u adjaċenti tal-Ukrajna, u għar-riformi fil-kuntest tal-proċess ta' adeżjoni tal-Ukrajna mal-Unjoni.

- (9) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill Ewropew laqa' l-ħidma li għaddejja biex jiġu riveduti l-mandati tal-EUAM Ukraine u l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine). L-Istati Membri huma impenjati li jikkontribwixxu għat-taħriġ u t-tagħmir tal-Forzi Armati Ukreni.
- (10) Fit-18 ta' Novembru 2025, fil-kuntest tar-rieżami strateġiku tal-EUAM Ukraine, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li jemenda l-mandat tal-EUAM Ukraine.
- (11) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/486/PESK tiġi emendata biex tirrifletti l-eżitu tar-rieżami strateġiku tal-EUAM Ukraine u jenħtieġ li jiġi aġġornat l-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2027.
- (12) L-EUAM Ukraine ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/486/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- “(e) tappoġġa l-iżvilupp ta’ politiki u strateġiji li jippermettu lill-Ukrajna li ssaħħaħ apaċitajiet komprensivi biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu u jiġu identifikati oqsma fejn it-tishiġ tal-kapaċitajiet jkun jista’ jingħata, f’konformità mal-ħtiġijiet u mat-talbiet tal-Ukrajna li qed jevolvu;
- (f) tappoġġa l-integrazzjoni (mill-ġdid) tal-veterani fis-setturi tas-sigurtà ċivili u tal-protezzjoni ċivili lill-Ministeru għall-Affarijiet tal-Veterani, il-Ministeru għall-Affarijiet Interni, is-Servizz ta’ Emerġenza tal-Istat, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, u, fejn rilevanti, il-Ministeru għad-Difiża, filwaqt li tiżgura s-sjieda Ukrena.”;

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- “(f) għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (f), tikkoopera u tikkoordina fil-qrib mad-delegazzjoni tal-Unjoni kif ukoll ma’ atturi oħra rilevanti, inkluż l-Istati Membri.;
- (g) tesplora l-possibiltajiet li jiġi offrut appoġġ, b’mod partikolari rigward il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra l-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni minn barranin (FIMI) u r-reklutaġġ online tar-Russja u ta’ atturi oħra fost gruppi suxxettibbli u vulnerabbli għal azzjonijiet sovversivi jew terroristiċi kontra l-Ukrajna;

- (h) tfittex li tiżgura kooperazzjoni bejn l-aġenziji, kif ukoll kooperazzjoni mal-awtoritajiet u l-aġenziji rilevanti fl-Unjoni u fl-Istati Membri u ma' sħab oħra bħan-NATO u ċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu (CoE Ibridu) u tikkordina l-attivitajiet tagħha mal-aġenda ta' taħriġ tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD), b'mod partikolari fil-qasam ċibernetiku;
- (i) tuża bis-sħiħ għodod fuq terminu qasir bħal timijiet speċjalizzati u żjarat minn esperti, inkluż, fejn fattibbli u xieraq, fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea (EUROGENDFOR);
- (j) issaħħaħ il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki mal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tal-Moldova (EUPM Moldova).';
- (3) fl-Artikolu 14(1), is-subparagrafu finali huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM Ukraine għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2027 għandu jkun EUR 128 025 000.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

